14 ta' Marzu, 1955

Imħallfin:
Is-S.T.O. Sir. L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Cauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Salvatore Darmanin *versus* Filippo Grima

**Lokazzjoni — Rigal — Ripetizzjoni — Appalt — Delitt — Kompetenza — Kummerċjant — Art. 37 (3) tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

*L-appaltatur bħala tali huwa kunsidrat kummerċjant; u għalih dawk l-obligazzjonijiet kollha li hu jikkuntratta bi spekulazzjoni għan-negozju tiegħu jidħlu fil-kummerċ tiegħu u jirrivestu karattru kummerċjali.*

*Xejn ma jiswa li l-att tiegħu jista' jikkostitwixxi delitt skond il-liġi; għax meta l-iskop li għalieħ sar dak l-att għandu attinenza man-negozju tiegħu, jassumi wkoll dak l-att karattru kummerċjali. U jekk l-att li fuqu tkun il-kawża huwa kummerċjali għall-konvenut biss, kull azzjoni li titnissel minnu tmiss lill-Qorti tal-Kummerċ.*

*Għaldaqstant, domanda għar-restituzzjoni ta' rigal mogħti bħala kondizzjoni ta' kirja kontra appaltatur ta' bini hija ta' kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-attur, peress li huwa kera mingħand il-konvenut, għall-abitazzjoni, il-fond B. Carmel Street, Żabbar; u peress illi l-konvenut għall-kera ta' dan il-post eżiġa mingħand l-attur, u dan taħ, is-somma ta' £31 bħala rigal, indipendentement mill-kera; u peress li l-konvenut eżiġa u rċieva din is-somma taħt parvenza ta' self; talab li l-konvenut, wara li jingħataw il-provvedimenti opportuni u d-dikjarazzjonijiet neċessarji, fosthom dik li l-kreditu fuq imsemmi kien fittizju, u kwindi ta' ebda effett legali, jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £31 b'restituzzjoni ta' l-ammont li, kif intqal fuq, l-istess konvenut irċieva indebitament. Bl-interessi legali sal-ġurnata tal-pagament, u bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat id-deċiżjoni mogħtija minn dik il-Qorti fit-3 ta' Frar, 1955, li biha laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenut u ddikjarat ruħha inkompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawża, bl-ispejjeż mingħajr taxxa, bid-dritt tar-Reġistru kontra l-attur; wara li kkunsidrat;

Illi mix-xhieda mhix kontradetta tal-konvenut irriżulta li huwa appaltatur tal-bini, u jibni għaliħ ukoll. Xi tliet snin ilu huwa kien bena l-fond in kwistjoni, flimkien ma' oħrajn, fuq art meħuda b'ċens, bl-iskop li jagħmilha appartamenti u jikrihom ammobiliti. Dan l-aħħar, però, minħabba l-kriżi fil-lokazzjoni tal-"furnished flats", huwa kera dawn l-appartamenti mhux ammobiliti, iżda kollha krihom b'rigal lilu offert mill-istess inkwilini, kompriż l-appartament in kwistjoni;

Illi l-appaltatur, bħala tali, huwa, skond il-kostanti ġurisprudenza, kunsidrat bħala kummerċjant (Kollez. XXXI-I-623), u għaliħ dawk l-obligazzjonijiet kollha li huwa jikkuntratta bi spekulazzjoni għan-negozju tiegħu jidħlu fil-kummerċ tiegħu u jirrivestu karattru kummerċjali. Xejn ma jiswa illi, skond ma jingħad fiċ-ċitazzjoni, l-att impunjat jista' jikkostitwixxi delitt skond il-liġi; għaliex meta l-iskop li għaliħ sar dak l-att għandu attinenza man-negozju ta' min għamlu, jassumi wkoll karattru kummerċjali (Kolez. XXXIII-I-639);

Illi skond l-art. 37 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, jekk l-att li fuqu tkun il-kawża huwa kummerċjali għall-konvenut biss, kull azzjoni li titnissel tmiss lill-Qorti tal-Kummerċ;

Rat ir-rikors quddiem din il-Qorti, ta' l-attur Salvatore Darmanin, li talab li jiġi definitivament stabbilit liema hija l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża;

Eżaminat l-atti u semgħet id-difensuri tal-kontendenti;

Ikkunsidrat;

Illi, għar-raġunijiet miġjubin fis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, biex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża hija kompetenti l-Qorti tal-Kummerċ;

Għaldaqshekk;

Tiddikjara li l-Qorti tal-Kummerċ hija l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża; u tordna li l-atti jiġu rinvijati lil dik il-Qorti; bl-ispejjeż kontra l-attur.